MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 162/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Leandro Ambrogio**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Leandro Ambrogio (bin Giuseppe u Giuseppina nee Pelliconi, imwieled Reggio di Calabria, fl-Italja, fil-5 ta' Marzu 1963, detentur tal-Karta ta' l-Identita` Taljana nru AR 1253936) talli (**1**) nhar l-10 ta' Frar 2009 bejn il-11.00 a.m. u s-17.00 p.m. gewwa Triq is-Sliem, Marsaskala, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara f'vettura CBB-264 Mazda 626, liema hsarat huma ta' aktar minn €1,164.69 (Lm500), a dannu ta' Victor Falzon, u (**2**) illi l-imsemmi Leandro Ambrogio huwa recidiv billi kiser il-provvedimenti ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Dicembru 2008 fejn, wara li kien instab hati, gie

lliberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta’ Marzu 2010 li permezz taghha dik il-qorti, fuq ammissjoni, wara li ddikjaratu hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu tmintax-il xahar prigunerija, kif ukoll rabtitu, skond l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 b’obbligazzjoni personali taht penali ta’ €800 ghal zmien tnax-il xahar li ma jimmolestax jew jivvessa lil Victor Falzon;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Leandro Ambrogio, minnu ppresentat fit-12 ta’ April 2010, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena ta’ prigunerija;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza – inkluzi d-dokumenti konnessi mat-treggieh lura Malta ta’ l-istess appellant wara li dan kien, fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel qorti, harab minn dawn il-Gzejjer u kellu jingieb lura permezz ta’ Mandat ta’ Arrest Ewropew; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-14 ta’ Mejju 2010; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju, kif inghad, jirreferi biss ghall-piena ta’ tmintax-il xahar prigunerija, li l-appellant jikkonsidra li kienet eccessiva. Huwa jghid li fil-mori tal-appell issalda dak kollu li kellu jhallas lil Falzon (li kien qed johrog mat-tifla tieghu, ghal liema relazzjoni l-appellant kien qed joggezzjona), u jigbed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-fatt li huwa kien ammetta kif appena tressaq il-qorti (ghalkemm kien ghamel riserva dwar l-ammont ta’ danni kkagunati).

**6.** Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar dak lilha sottomess, specjalment dwar dak li wassal ghalbiex l-appellant jaghmel il-hsara fil-vettura ta’ Falzon – cioe` l-fatt li huwa ma riedx lil dana Falzon ikompli jiffrekwenta lil bintu li, ghalkemm maggorenni, kienet ferm izghar fl-eta` mill-istess Falzon. Huwa evidenti – dan jirrizulta anke mill-istqarrija tal-appellant maghmula lill-pulizija fil-kors tal-interrogazzjoni tieghu (fol. 6 u 7 tal-atti) – li l-hsara

kagunata fil-vettura imsemmija kienet forma ta' vendikazzjoni fil-konfront ta' dan Falzon. Il-piena ghar-reat kif imputat – Artikolu 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali – hija ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin. L-istima tal-hsara ezibita fl-atti (fol. 12) hija ta' aktar minn elf euro, u hija konfacjenti mal-hsara kif deskritta mill-appellant fl-istqarrija tieghu imsemmija. Apparti minn hekk, l-appellant kellu zewg kundanni precedenti hawn Malta – f'Lulju tal-1999 meta tkecca minn Malta skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni ghax ma kellux mezzi biex imantni lilu nnifsu, u f'Dicembru tal-2008 instab hati skond l-Artikolu 251A tal-Kodici Kriminali.

**7.** Ghalhekk, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, din il-Qorti ma tara ebda raguni valida ghala ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel qorti ghal dik li hi l-piena ta' prigunerija erogata. Konsegwentement tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------